# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 28 ta' Frar 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. numru 425/90 GCD**

**Carmelo Micallef**

**vs**

**Direttur tax-Xogholijiet**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

"F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob li l-konvenut ihallas ghat-telf u hsara li hu garrab meta dahal ilma tax-xita fir-razzett tieghu wara li l-gvern fetah triq u ghamel xoghlijiet ohra.

Ic-citazzjoni tghid illi l-attur irabbi l-baqar f'razzett fi Triq Dicembru 13, il-Marsa. Fl-inhawi fejn l-attur ghandu dan ir-razzett, il-gvern fetah u witta toroq u ghamel xogholijiet ohra li, minhabba fihom, kull meta taghmel ix-xita r-razzett jeghreq taht l-ilma li jidhol mit-triq. L-attur sofra hafna danni minhabba dawn ix-xoghlijiet li ghamel il-konvenut.

L-attur ghalhekk qieghed jitlob illi l-qorti:

1. tghid li l-konvenut jahti ghall-hsara li grat lill-attur minhabba fix-xoghlijiet li ghamel;

2. tghid kemm huma d-danni li sofra l-attur;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni; u

4. tikkundanna lill-konvenut jaghmel dawk ix-xoghlijiet li jkunu mehtiega biex ma jkomplix jidhol ilma fil-proprjetà ta' l-attur.

Talab ukoll l-ispejjez gudizzjarji, fosthom dawk ta' protest tal-15 ta' Jannar 1990.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut, Direttur tax-Xogholijiet, hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

1. It-talbiet ta' l-attur waqghu bi preskrizzjoni taht l-art. 2153 tal-Kodici Civili billi x-xoghlijiet imsemmija mill-attur saru hmistax-il sena qabel ma nfethet il-kawza;

2. Ukoll qabel ma saru x-xoghlijiet, il-proprjetà ta' l-attur dejjem kienet fil-baxx hafna, u taht il-livell tat-triq li kien hemm dak iz-zmien;

3. Il-konvenut kien ha hsieb, meta saru x-xoghlijiet, li jsiru d-dorog mehtiega kemm fi Triq Dicembru 13 kif ukoll hdejn il-*bypass* tal-Hamrun u hdejn ir-*roundabout* li jlaqqa' dawn it-toroq sabiex ikun kontrollat l-ilma tax-xita li jghaddi minn dawk l-inhawi;

4. Wara x-xita eccezzjonali li ghamlet fil-maltempata ta' l-1989, saret dorga ohra fi Triq Dicembru 13 quddiem il-proprjetà ta' l-attur u nbena wkoll *camber* jew "denb il-hmar" fit-telgha tal-*bypass* tal-Hamrun;

5. Triq Dicembru 13 u l-*bypass* tal-Hamrun saru fl-interess pubbliku, u ttiehdu l-prekawzjonijiet kollha li setghu jittiehdu biex l-inkonvenjent jitnaqqas kemm jista' jkun;

6. Il-konvenut ma ghandux iwiegeb ghall-hsarat li sofra l-attur."

**DECIDE**

B'sentenza tat-12 ta' Frar 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u cahdet ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut. Iddecidiet li l-konvenut kellu jaghmel tajjeb ghad-danni ta' erbat elef, tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltin u kkundannatu jhallas dawn id-danni lill-attur.

L-ispejjez gjudizzjarji kellhom jinqasmu hekk :- parti minn erbgha kellu jhallasha l-attur u tlett partijiet minn erbgha jhallashom il-konvenut.

**<u>MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA</u>**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Kif sewwa osservaw il-periti gudizzjarji, ghalkemm fic-citazzjoni l-attur ma qalx meta kien li sofra d-danni li ghalihom qed jitlob hlas, fix-xiehda tieghu wera li d-danni li qed jitlob huma dawk li sofra wara li ghamlet maltempata kbira fit-8 ta' Dicembru 1988. Din id-data hija importanti mhux biss biex ikunu individwati d-danni meritu tal-kawza izda wkoll biex naraw meta bdiet tghaddi l-preskrizzjoni ghall-ghanijiet ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.
>
> Ix-xoghlijiet li ghamel il-konvenut, u li l-attur qed ighid li ghamlulu l-hsara, kienu tlestew ghall-habta ta' l-1975[1], waqt li l-ewwel att gudizzjarju li bih l-attur kien sejjah lill-konvenut biex ihallas id-danni kien protest gudizzjarju tal-15 ta' Jannar 1990. Il-konvenut ghalhekk ressaq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni taht l-art. 2153 tal-Kodici Civili:
>
> > **2153.** L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.
>
> Kif sewwa qalu l-periti gudizzjarji, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat tibda tghaddi minn dak in-nhar li jsiru l-

1 Ara l-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-konvenut.

hsarat, u mhux minn dak in-nhar li saru x-xoghlijiet. Ma tistax tiftah kawza biex titlob kumpens ghal hsarat li jkunu ghadhom ma sarux, u ma tibdiex tghaddi l-preskrizzjoni ta' azzjoni qabel ma dik l-azzjoni tista' tinbeda.

Bejn it-8 ta' Dicembru 1988, meta saret il-hsara, u s-27 ta' April 1990, meta nfethet il-kawza, ma ghaddewx sentejn, ukoll jekk ma nqisux l-interruzzjoni li sehhet bil-protest gudizzjarju tal-15 ta' Jannar 1990, ladarba ma ngibitx xiehda li dak il-protest kien notifikat.

L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija ghalhekk michuda.

Dwar il-meritu, il-periti gudizzjarji irrelataw hekk:

24. Fil-fehma ta' l-esponenti … … … huwa minnu illi l-konvenut ghamel l-ahjar li seta' sabiex ma ssirx hsara lir-razzett ta' l-attur bix-xoghlijiet li saru minnu fl-interess pubbliku fl-inhawi tar-razzett ta' l-attur bil-krejazzjoni tat-Triq Dicembru 13 illi kienet ta' bzonn nazzjonali … … … sabiex jigi iddevjat mill-parti centrali tal-Marsa l-volum enormi tat-traffiku motorizzat li solitament kien ighaddi minnha. Effettivament saru diversi dorgi u xoghlijiet simili sabiex l-ilma tax-xita li jghaddi mill-inhawi tar-razzett ta' l-attur jigi ikkontrollat.

25. Izda d-domanda krucjali fil-kaz odjern hija s-segwenti: dawn ix-xoghlijiet kienu sufficjenti sabiex ir-razzett ta' l-attur ma jisfax inondat bl-ilma tax-xita, aktar u aktar f'kaz ta' xita eccezzjonali, minhabba l-fatt inkontestabbli illi t-triq il-gdida saret f'livell oghla mir-razzett ta' l-attur u tenut kont tal-problema gà ezistenti fil-lokal ghar-rigward tad-drenagg adegwat ta' l-ilma tax-xita?

26. Fil-fehma ta' l-esponenti … … … l-gharghar li sofra l-attur fir-razzett tieghu fit-8 ta' Dicembru 1988 kien b'rizultat dirett ghat-tibdil li sar mill-konvenut fl-inhawi tar-razzett ta' l-attur ghaliex minkejja illi l-konvenut ghamel ukoll xoghol ta' *culverts* u opri ohra konnessi intizi sabiex jikkontrollaw l-ilma tax-xita fl-inhawi citati dawn ma iffunzjonawx adegwatament meta l-aktar kien bzonnhom ghaliex effettivament fit-8 ta' Dicembru 1988 ir-razzett ta' l-attur safa mgharraq kompletament bl-istess ilma tax-xita.

27. Fil-fehma ta' l-esponenti l-fatt illi l-konvenut stess fir-raba' eccezzjoni tieghu ammetta illi wara x-xita addizzjonali li ghamlet fil-maltempata ta' l-1989 g*recte* 1988h saret dorga ohra fi Triq Dicembru 13 faccata l-proprjetà ta' l-attur huwa sinjifikattiv hafna ghall-kaz odjern peress illi juri illi l-konvenut stess ma kienx konvint li d-dorgi ezistenti qabel

dik id-data kienu bizzejjed sabiex jikkontrollaw l-ilma tax-xita fl-inhawi tar-razzett ta' l-attur u ghalhekk irmedja ghal dan in-nuqqas.

Il-qorti ma taqbilx mal-periti gudizzjarji fejn qalu illi l-konvenut kellu jahseb ukoll ghall-kaz ta' xita eccezzjonali, kif ukoll meta qalu li l-fatt li l-konvenut, wara li sehhu c-cirkostanzi eccezzjonali, ra kif ghamel biex jilqa' ghal dawn ukoll jekk jergghu isehhu jfisser li l-konvenut implicitament ammetta l-htija tieghu.

Il-principji li jirregolaw il-*culpa aquiliana* huma mfissra fl-artt. 1029 *et seqq* tal-Kodici Civili, "Fuq id-Delitti u Kwazi-delitti":

**1029.** Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.

**1030.** Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu.

**1031.** Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.

**1032.** (1) Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

(2) }add ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.

Li tistenna li persuna tipprevedi u, ghalhekk, tahseb ghal okkazjonijiet eccezzjonali jfisser li tkun qed tistenna minghand dik il-persuna prudenza, diligenza u hsieb fi grad akbar minn dak ta' *bonus paterfamilias*, u ghalhekk il-qorti ma taqbilx mal-periti li n-nuqqas tal-konvenut li jahseb ukoll ghall-konsegwenzi ta' xita eccezzjonali jitfa' htija fuqu.

Lanqas ma taqbel mal-periti meta dawn ighidu li, ghax, wara li saret il-hsara, il-konvenut ghamel aktar xoghlijiet b'hekk stqarr li x-xoghlijiet li ghamel qabel ma kinux bizzejjed. Li gara hu li, wara l-maltempata ta' l-1988, il-konvenut seta' jara li f'cirkostanzi bhal dawk ix-xita setghet taghmel hsara, u ghalhekk il-hsara, f'cirkostanzi bhal dawk, ma baqghetx xi haga imprevedibbli. Kien jonqos il-konvenut li kieku, meta ra hekk, ma ghamilx dak li kien mehtieg, ghax ma kienx ikun jista' jkompli jinheba wara l-imprevedibilità.

B'danakollu, huwa minnu li x-xita ta' l-1988 kienet tassew "eccezzjonali" u, ghalhekk, imprevedibbli? L-attur xehed li wkoll f'

Ottubru ta' l-1979 kienet ghamlet hafna xita u saritlu l-hsara[2]. Hu kien gharraf b'dan lill-awtoritajiet, izda dan ma jidher li ghamlu xejn. L-attur kien ukoll kellem lill-Ministru tax-Xoghlijiet ta' dak iz-zmien, Lorry Sant, izda dan keccieh mill-ufficcju tieghu.

Dan kollu juri li, ukoll jekk ma kienx prevedibbli li setghet issir hsara meta taghmel hafna xita, meta dik il-hsara saret l-ewwel darba fl-1979 ma baqghetx aktar imprevedibbli, u l-konvenut seta' jobsor li dak li gara fl-1979 seta' jerga' jigri.

Ghalhekk il-qorti hija tal-fehma li tassew li l-konvenut ghandu jwiegeb ghall-hsara li garrab l-attur, ghalkemm mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-periti gudizzjarji.

Lanqas ma tista' tintlaqa' l-eccezzjoni tal-konvenut li l-proprjetà ta' l-attur kienet dejjem fil-baxx hafna. Din l-eccezzjoni kienet tiswielu li kieku wera li l-hsara kienet issir f'kull kaz, ukoll li kieku ma sarux ix-xoghlijiet[3]. Izda l-periti, fil-para. 26 tar-relazzjoni taghhom, sabu, kif rajna, li l-gharghar kien konsegwenza diretta tax-xoghlijiet li ghamel il-konvenut.

L-eccezzjoni li x-xoghlijiet saru fl-interess pubbliku wkoll ma tistax tintlaqa' ghax l-interess pubbliku jista' jeghleb l-interess privat, izda mhux minghajr ma jinghata kumpens lil min ibati t-telf.

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, il-periti, wara li raw id-dokumenti esebiti mill-attur u semghu x-xhieda mressqa minnu, irrelataw li d-danni b'kollox kienu ta' erbat elef seba' mija u erbgha u tletin lira (Lm4,734) minhabba telf ta' maghlef, u tmenin lira (Lm80) ohra biex sewwa hsara fil-karrozza. Il-periti kienu tal-fehma li l-attur kien jahti wkoll ghat-telf tal-maghlef ghax dan ma kienx mahzun maqtugh mill-art. Billi dan il-fatt ikkontribwixxa ghat-telf tal-maghlef, il-periti kienu tal-fehma li l-attur ghandu jbati nofs it-telf, u ghalhekk ghandu jiehu biss elfejn tliet mija u sebgha u sittin lira (Lm2,367), barra t-tmenin lira (Lm80) tal-karrozza.

Il-qorti taqbel mal-periti li l-attur naqas meta ma hax il-prekawzjoni elementari li jahzen il-maghlef maqtugh mill-art, u ghalhekk taqbel ukoll li nofs dan it-telf ghandu jbatih l-attur stess.

L-attur qal li kien tilef ukoll zewg oghgiela li jiswew erba' mitt lira (Lm400) izda l-periti ma qisux dan it-telf ghax l-attur "ma gabx prova dokumentata dwar il-valur taghhom". Ghalkemm huwa minnu li l-partijiet ghandhom iressqu l-ahjar xiehda quddiem il-qorti, madankollu ma hux mehtieg li din ix-xiehda tkun dejjem

---

[2] Ara x-xiehda ta' l-attur fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 1990 quddiem il-perit legali.

[3] Ara **Carmelo Wismayer *et versus* Anthony Falzon *nomine et***, Qorti ta' l-Appell, 29 ta' April 1996.

"prova dokumentata" meta dokumenti ma jkunx hemm jew ma jinstabux. Il-valur ta' l-oghgiela skond it-talba ta' l-attur huwa ragjonevoli, u ma kienx kontestat bhala *quantum* mill-konvenut. Il-qorti ghalhekk hija tal-fehma li ghandha tilqa' din it-talba wkoll.

L-attur xehed ukoll li tilef produzzjoni ta' halib minn hames baqriet ghal sena. Dan gara ghax, minhabba l-ilma, ma setax jidhol hdejn il-baqar biex jahlibhom, u l-baqar intefhilhom sidirhom u mardu. Il-periti qalu li ma setghux isiru kalkoli dwar dan it-telf. L-attur, izda, xehed li kull baqra taghti madwar seba' mitt (700) gallun halib fi stagun, u li kull gallun igib prezz ta' hamsa u sittin centezmu (Lm0.65). L-attur ghalhekk tilef tlitt elef u hames mitt (3,500) gallun, li jiswew b'kollox elfejn mitejn u hamsa u sebghin lira (Lm2,275). Naturalment, minn dan il-prezz trid tnaqqas l-ispejjez tal-produzzjoni u tat-trasport. Dwar dawn ma ngibux xiehda u ghalhekk il-qorti qieghda, *arbitrio boni viri*, tistma t-telf ta' l-attur fis-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500).

Mela d-danni b'kollox jigu hekk:

| | | |
|---|---|---|
| • telf ta' maghlef | Lm | 2,367.00 |
| • hsara fil-karrozza | Lm | 80.00 |
| • zewg oghgiela | Lm | 400.00 |
| • telf ta' halib | Lm | 1,500.00 |
| B'kollox: | Lm | 4,347.00 |

Id-danni li ghalihom ghandu jaghmel tajjeb il-konvenut ghalhekk huma ta' erbat elef tliet mija u sebgha u erbghin lira (Lm4,347.00).

Fir-relazzjoni taghhom il-periti qalu wkoll illi kien dahal ukoll xi ilma minn proprjetà ta' terzi, u mhux biss mit-triq tal-konvenut, u li l-konvenut ma ghandux iwiegeb ghall-hsara li saret minhabba f'hekk[4]. Madankollu, kif osserva l-konvenut fin-nota ta' kritika tieghu[5], ma jidhirx li l-periti qiesu dan il-fattur fil-likwidazzjoni tad-danni. Fic-cirkostanzi, izda, ma hux possibbli li tigi stabbilita l-hsara li ghaliha jwiegeb il-konvenut u dik li ghaliha jwiegbu terzi. Ghalhekk, ghall-kaz ighodd l-art. 1050 tal-Kodici Civili:

> **1050.** (1) Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu

[4] Para. 27 tar-relazzjoni, *fol.* 63.

[5] Para. 11 tan-nota, *fol.* 70.

hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn.

(2) F'dan il-kaz, il-konvenut jista' jitlob li dawk kollha li jkunu ikkagunaw il-hsara jigu msejha fil-kawza bil-mod u ghall-effetti msemmijin fl-artikolu 962 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-qorti tista' tqassam fuq kull wiehed minnhom is-somma mehtiega ghall-hlas tal-hsara, f'ishma ndaqs jew mhux indaqs skond ic-cirkostanzi; bla hsara dejjem tal-jedd ta' dak li jbati l-hsara illi jitlob il-hlas tas-somma kollha minghand kull min irid minnhom, u dawn lejh ghandhom ilkoll jigu ikkundannati *in solidum*.

Ghalhekk, bla hsara ghall-jedd tal-konvenut li jdur kontra t-terzi li wkoll ghamlu l-hsara — ghalkemm ma nqediex mill-jedd li taghtih il-ligi li jitlob li jissejhu f'din il-kawza — l-attur ghandu d-dritt li jitlob id-danni kollha minghand il-konvenut."

## APPELLI

Minn din is-sentenza appella l-konvenut principalment u dana mis-sentenza kollha, filwaqt li l-attur appella biss fir-rigward tal-quantum ta' danni likwidat mill-Ewwel Qorti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

## L-APPELL PRINCIPALI

Din il-Qorti sejra qabel xejn tikkunsidra l-appell principali tal-konvenut. Hu jissottometti li s-sentenza appellata kienet ingusta ghal dawn il-

motivi li din il-Qorti sejra tikkunsidra ghalkemm mhux necessarjament fl-ordni lilha sottomessi.

## L-INTERESS PUBBLIKU

Hi infatti sejra tqis l-ewwel aggravju tal-konvenut li jolqot il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti fis-sens illi "l-eccezzjoni li x-xogholijiet saru fl-interess pubbliku wkoll ma tistax tintlaqa' ghax l-interess pubbliku jista' jeghleb l-interess privat izda mhux minghajr ma jinghata kumpens lil min ibati telf". Skond il-konvenut, din il-konsiderazzjoni tesprimi kuncett dibatibbli ta' dritt pubbliku li jezorbita mill-azzjoni tad-dritt civili bazata fuq il-kwazi-delitt esperita mill-attur.

Hu jissottometti li l-eccezzjoni tal-interess pubbliku inghatat biex issostni l-legalita' tax-xogholijiet li saru u l-kuncett li l-kumpens li kien dovut minhabba agir ta' Gvern fl-interess pubbliku, li ma huwiex kwistjoni ta' kwazi-delitt taht id-dritt privat izda hija kwistjoni ta' kumpens ghal tehid ta' proprjeta' taht il-ligijiet dwar l-esporpriazzjoni. Hu jissottometti li "il-Gvern kellu jarbitra bejn l-interess f'cirkolazzjoni stradali u sistema ta' trasport bit-toroq aktar efficjenti f'dik il-parti ta' Malta u l-interessi tal-popolazzjoni tal-Marsa li tghix hajja izjed sana u pacifika, mill-banda wahda, u l-interessi ta' min kien ikun ahjar ghalih li jibqa' kollox kif kien, mill-banda l-ohra. Il-fatt illi l-interessi ta' xi parti mill-popolazzjoni jigu effettwati b'mod avvers minhabba f'xi progett fl-

interess pubbliku ma jaghtix lok ghal dritt ta' kumpens awtomatiku lil kull min intlaqat hazin. "Din l-eccezzjoni, impostata f'dawn it-termini, timmira allura biex tezenta lil konvenut appellant minn kwalsiasi responsabbilita' ghal danni kagunati lil terzi fuq il-gustifikazzjoni semplici illi toroq pubblici jigu minnu kostruwiti fl-interess pubbliku.

L-Ewwel Qorti gustament skartat din l-eccezzjoni u f'dan issib anki konfort fil-gjurisprudenza ormai ben stabbilita' li ghaliha ser isir hawn biss accenn :-

1. "Meta l-Awtorita' tiftah triq jitwieled akkordju tacitu jew kwazi kuntratt mas-sidien tal-fondi latistanti, li huma ma jigux disturbati fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom bhala konsegwenza tat-tibdil li jsir f'dik it-triq, li jista' jikkagunalhom xi hsara u ghalhekk jekk minhabba dak it-tibdil huma jsofru xi pregudizzju jitwieled fl-Awtorita' d-dmir li tirrizarcilhom id-danni. Obbligu dan li ghandu l-fondament razzjonali tieghu fl-invjolabilita' tad-dritt tal-proprjeta' kif ukoll fl-ekwita. Di fatti jekk huwa veru li l-interess pubbliku ghandu dejjem jipprevali, huwa veru wkoll li ghandha tigi rizarcita l-hsara lill-privat ghaliex ikun ingust li wiehed wahdu jigi sagrifikat fl-interess tal-kollettivita' minghajr ma jigi kumpensat tal-hsara li jsofri. Dan il-principju, bazat fuq id-duttrina, gie affermat minn din il-Qorti fil-kawza "Francesco Camilleri vs Lorenzo Gatt CMG nomine deciza fis-17 ta' Mejju 1902" (Kollezzjoni Volum XVIII.ii.711) (XXXVII.ii.637).

2. “Illi wara kollox triq pubblika hija fond bhal ohrajn. Isiru ghalhekk applikabbli ghaliha il-principji kollha relattivi ghall-iskariku tal-ilma tax-xita” (Volum XVIII.ii.164, Volume XXI.i.247).

3. “Id-disposizzjoni tal-ligi li tirrendi responsabbli tal-hsara li tigri bi htija ta’ min ikun kagun ta’ dik il-htija hija generika u ma taghmel l-ebda eccezzjoni lanqas ghall-Gvern. U ghalhekk il-Gvern hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu johrog mill-gusti limiti u jikkaguni pregudizzju lil terzi. U l-Qrati taghna waslu sal-punt li rritenew li meta l-att tal-Gvern jikkostitwixxi pregudizzju lil terzi, dak l-att jista’ jigi sindakat mit-Tribunali u jista’ jigi eventwalment minnhom revokat u li l-Gvern hu responsabbli ghall-hsara li huwa jikkaguna lill-proprjeta’ privata anke b’opri ta’ utilita pubblika” (Volum XXXVII.ii.753).

4. “F’materja ta’ triqat u ta’ drittijiet tal-proprjetarji fronteggjanti triqat u l-pjazez pubblici meta jigu operati xi mutamenti fuq l-istess triqat jew pjazez, ic-cittadini privati li jkollhom dik il-proprjeta’ ma jistghux jindahlu lill-Gvern li fl-interess generali jidhirlu li ghandu jaghmel dawn in-notament. Pero’ huwa ekwu li l-Gvern jirrikompensahom ghad-deprezzament jew danni li ssofri l-proprjeta’ kontigwa minn dawk in-notamenti meta d-deprezzament jew id-dannu jkun ta’ xi rilevanza” (Volum XXXIV.1.66), (Volum XVIII.ii.171).

Dawn l-accenni gjurisprudenzjali huma aktar minn bizzejjed biex jinnewtralizzaw kull tentazzjoni li l-eccezzjoni dwar l-interess pubbliku sollevata mill-appellant tinvita lill-Qorti biex tikkunsidra lill-Gvern Civili f'qaghda privileggjata fil-konfront tac-cittadin fejn si tratta ta' responsabbilita' ghar-rizarciment ta' danni kagunati lil terzi bl-opra jew agir tieghu. Hu evidenti li anki fiz-zminijiet meta t-tejorija tal-"iure imperi" u "iure gestionis" kienet ghadha ferm aktar definita u rigida, l-Qrati dejjem sostnew id-dritt tal-individwu li jigi kompensat ghad-danni minnu subiti b'konsegwenza ta' xoghol malament esegwit mil-Gvern u li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta, l-posizzjoni tal-Gvern fir-rigward ta' responsabbilita' ghal dawn id-danni mhix u ma kellhiex tkun differenti minn dik ta' kull persuna ohra.

Dan jinghad bla htiega li l-Qorti tinoltra ruhha f'konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-izviluppi li saru in materja ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-indivdiwu kontra l-ingerenza tal-Istat anki fil-jeddijiet tal-individwu ghat-tgawdija tal-proprjeta' tieghu. Zviluppi li l-appellant kien appena ser jaccenna ghalihom pero' li din il-Qorti tqis li huma ghal kollox irrilevanti ghall-kaz taht ezami. Tillimita ruhha biss ghall-principju dikjarat illi l-Gvern Civili seta' u kellu jkun ritenut responsabbli ghad-danni kagunati mill-htija tieghu lil terzi anki bhala konsegwenza tal-ezekuzzjoni ta' opri pubblici ghall-gid komuni. Htija tieghu naturalment fit-termini stretti li l-ligi tezigi ghal kull individwu.

L-Ewwel Qorti allura impostat l-azzjoni fuq il-binarji gusti u korretement irriteniet illi l-artikolu 1032 tal-Kodici Civili minnha citat u hu finalment applikabbli wkoll ghall-Gvern. “Il-lokuzzjoni tal-ligi hija generika u ma taghmel ebda eccezzjoni lanqas ghall-Gvern. Ghalhekk anke l-Gvern obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregudizzju lil terzi. “Lo Stato, josserva Laurent, che esegwe un lavoro di pubblica utilita’ esercita un diritto e compie un dovere non meno ………. deve riparare i danni che cagiona allorche usando del diritto proprio lede ildiritto altruie”. U aktar ‘il quddiem “Lo stato ha agito nel interesse generale. Cio non impedisce, dice la Cassasione di Parigi che lo Stato sia’ sottoposto alle stesse regole di responsabilita’ cui sono soggetti i particolari e debba’ riparare il danno cagionato con la sua colpa ai propjetari privati. Ogni fatto dell’uomo, dica la decisione, che arreca danno altrui obbliga per colpa del quale e’ avvenuto a rilevarlo. Questo principio e applicabile allo Stato alpari che ai privati” (Diritto Civile Volume XX. 408 – 439).”(Volume XXXVIII.ii.753).

**IL-‘FORCE MAJEURE’**

Skartata l-eccezzjoni tal-interess pubbliku illi kieku milqugha kienet tidderimi l-meritu, din il-Qorti tghaddi biex tezamina jekk kienitx gjustifikata l-eccezzjoni tal-konvenut appellant illi hu ma setax jigi f’kull kaz ritenut responsabbli ghad-danni reklemati mill-attur appellat ghax

dan kien sofrihom b'konsegwenza ta' kaz fortuwitu. L-appellant allura jinvoka favur tieghu fl-artikolu 1029 tal-Kodici Civili wkoll citat fis-sentenza appellata. Hu jissottometti illi l-Ewwel Qorti tat definizzjoni restruttiva zzejjed tal-kaz fortuwitu meta rriteniet illi d-danni f'dan il-kaz ma kienux jirrizultaw minn casus ghaliex fil-5 ta' Ottubru 1979, f'Malta kienet ukoll ghamlet xita f'ammont paragunabbli ghal dak tax-xita li kkagunat id-danni lill-attur fit-8 ta' Dicembu 1988.

Minn dan il-fatt l-ewwel Qorti tikkonkludi illi dak kollu li gara kien allura prevedibbli u ghalhekk ma setax jikkostitwixxi casus. Konsiderazzjoni din li fil-fehma tal-appellant zbaljata ghaliex il-force majeure ma kienitx biss l-avveniment imprevedibbli imma avveniment kemm imprevedibbli kif ukoll irresistibbli bl-uzu tad-debita kura. Jissottometti illi kien imprevedibbli ghall-ligi dak li ordinarjament ma jigrix u mhux dak li qatt ma gara bhalu qabel. F'dan, il-kaz stabbilit illi l-ammont ta' xita li nizlet fit-8 ta' Dicembru 1988 kien wiehed straordinarju u mhux normali ghat-temp ta' Malta, kellu jigi ghallinqas accettat illi xita ta' dik il-kwantita' li tinzel fi zmien qasir hija fil-fatt imprevedibbli u tikkostitwixxi accident jew forza maggjuri. Ghar-rigward tal-aspett l-iehor tal-casus, u cioe' l-irresistibilita', l-appellant jissottometti illi la darba gie stabbilit illi l-awtoritajiet kienu hadu passi pjuttost eleborati biex jiskansaw lill-attur appellant mill-effetti tax-xita, il-fatti illi dawn il-passi ma kienux sufficjenti fic-cirkustanzi tat-8 ta' Dicembru 1988 kellu logikament u legalment jittiehed bhala prova li turi illi l-effetti tax-xita ta' dakinhar kienu

irresistibbli u mhux bhala li juru li l-appellant kien negligenti. “Il-fatt illi l-prekawzjonijiet, filwaqt li hadmu ghal zmien twil, ma hadmux dakinhar, juri illi l-inondazzjoni li sofra l-attur kienet fil-fatt dovuta ghall-forza esterna u irresistibbli tan-natura u mhux ghal xi nuqqas da parti tieghu.

L-espozizzjoni tejorika, akkademika tal-elementi tal-“force majeure” u l-“casus” da parti tal-appellant hi ndubjament korretta. Ma tregix pero’ meta applikata ghall-fatti kif provati quddiem l-Ewwel Qorti. Fatti li gew pruvati bl-ghajnuna ta’ perizja teknika u li waslu lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzjoni illi appellant effettivament ippreveda x’kienu jew x’setghu ikunu l-konsegwenzi negattivi tal-kostruzzjoni tat-triq li huwa ghamel fuq il-proprjeta’ tal-appellat, tant illi ipprova jirrimedja ghalihom. Ir-rimedju utilizzat ma kienx pero’ effettiv u effikaci tant li gie kkostatat li minkejja tax-xogholijiet li saru, l-fond tal-appellat baqa’ jigi inondat, anke jekk fi gradi differenti kull meta taghmel ix-xita. Naturalment meta x-xita kienet ta’ intensita’ mhux tas-soltu l-inondazzjoni kienet straordinarja u kkawzat dannu.

Dawn il-fatti li ma jirrizultax li huma kontestati wasslu lill-Ewwel Qorti biex korrettement tikkonkludi illi l-fatt stess illi l-konvenut ittanta jipprovdi ghal xoghol rimedjali kemm waqt il-kostruzzjoni tat-triq, kemm wara f’diversi okkazjonijiet u b’mod partikolari anki wara li sehhet l-inondazzjoni mertu ta’ din il-kawza, hu certament prova ta’ prevedibbilita ta’ dak li seta’ jigri. In-negligenza ravvizata mill-Ewwel

Qorti kienet tikkonsisti proprju fil-fatt illi l-konvenut naqas li jipprevedi dak kollu li seta' u kellu jipprevedi u li kien fid-dover li teknikament jipprovdi ghalih fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet minnu kommisjonati biex jassigura l-inkolumita tal-proprjeta' tal-attur.

Naqas li jipprovdi ghal dak li kien tenut li jipprovdi ghalih biex jevita l-hsara li setghet tigi kagunata bl-agir tieghu. Ma tirrizultax infatti l-prova fil-process illi <u>qabel saret il-kostruzzjoni tat-triq</u> il-fond tal-attur kien soggett ghall-inondazzjoni. Ghall-kuntrarju jidher li hu mehud bhala fatt mill-kontendenti illi l-fond tal-appellat beda jkun hekk soggett wara li nbniet it-triq. "Il-kuncett ta' kaz fortuwitu jew forza maggjuri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixx l-fatt pozittiv jew negattiv tal-bniedem. Skond il-principji tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortiwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveliment insolitu, spropozjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma mehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat b'diligenza ordinarja tal-bonus pater familias. Bl-applikazzjoni ta' dawn il-principji gie ritenut li l-Awtorita' kienet responsabbli ghad-danni li sofra l-attur fil-fond tieghu minhabba skol awmentat tal-ilma tax-xita li kien dovut ghal xi tibdil sostanzjali li l-Awtorita' kienet ghamlet fit-triq" (Volum XXXVII.ii.637 gja' citata), (Volum XVIII.ii.164).

Fil-fehma ta' din il-Qorti u kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, l-appellant difficilment jista' jevita l-fatt illi l-periti gjudizzjarji kkonstataw illi

"l-ghargar li sofra l-attur fir-razzett tieghu fit-8 ta' Dicembru 1988 kien b'rizultat dirett ghat-tibdil li sar mill-konvenut fl-inhawi tar-razzett tal-attur ghaliex minkejja li l-konvenut ghamel ukoll xoghol ta' culverts u opri ohra konnessi intizi sabiex jikkontrollaw l-ilma tax-xita fl-inhawi citati, dawn ma ffunzjonawx adegwatament meta l-aktar kien bzonnhom"

Konsiderazzjoni teknika din li bilfors twassal ghall-konkluzjoni illi :-

(a) Setghu u kellhom isiru opri rimedjali li jiffunzjonaw adegwatament u li kienu jilqghu ghall-eventwalita' li sehhet fit-8 ta' Dicembru 1988 u

(b) Illi dawk ix-xogholijiet rimedjali kienu teknikament indikati proprju biex jilqghu dak li kien prevedibbli li seta' jsir u

(c) Illi kieku tali xogholijiet gew ezegwiti, r-razzett tal-attur ma kienx jisfa' mgharraq kompletament bl-ilma tax-xita.

Hu f'dan il-kuntest illi l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-konvenut appellant lanqas seta' jinvoka favur tieghu l-imprevvist ghaliex dak li sehh fin-1988 kien effettivament diga' sehh fin-1979, taghmel sens. Dan ghaliex tistabilixxi illi l-konvenut appellat necessarjament kien konsapevoli tal-effetti negattivi li ghalihom kien qed jigi espost ir-razzett tal-attur bhala konsegwenza diretta tal-kostruzzjoni tat-triq u li tali effetti kienu jaggravaw proporzjonatament mal-volum tax-xita li tinzel.

M'hemm xejn fir-relazzjoni teknika li tista' tikkoforta lil din il-Qorti fil-hsieb illi l-inondazzjoni li kkawzat id-danni kienet inevitabbilment tigri anke kieku ttiehdu l-mizuri rimedjali li kellhom suppost jittiehdu. L-indikazzjonijiet fil-process huma kontra tali affermazzjoni.

Din il-Qorti imbaghad taghti mportanza l-fatt, sottolinjat mill-Ewwel Qorti, mhux biss illi x-xita l-kbira tan-1979 u x-xita l-kbira l-ohra tan-1988, l-appellant m'ghamel xejn biex jilqa' ghal tali eventwalita', imma wkoll illi l-vulnerabbilita' tal-fond tal-attur ghal-inondazzjoni kienet ovvja ghaliex din kienet issehh anke, jekk fi grad anqas, prattikament kull sena. Cirkostanza din li kien messha allarmat lill-appellat ghall-htiega li minnufih isir dak li kellu ragjonevolment isir.

**<u>IL-PRESKRIZZJONI</u>**

L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti skartat l-eccezzjoni tieghu illi t-talbiet tal-attur appellat kienu waqghu bil-preskrizzjoni taht l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, billi x-xogholijiet imsemmija mill-attur kienu saru hmistax-il sena qabel ma nfethet il-kawza. Dan l-ilment ma jistax jigi sostnut ghaliex l-aggravju tal-appellant ma seta' bl-ebda mod jigi nkwadrat fil-principji tad-dritt applikabbli. Jigi kunsidrat :-

1. Li l-appellant donnu qed jorbot iz-zmien meta beda jiddekorri t-terminu preskrittiv minnu eccepiet mad-data tal-ezekuzzjoni tax-

xogholijiet maghmula mill-Gvern Civili meta kostruwixxa Triq Dicembru 13. Dan hu ghal kollox skorrett kif hi skorretta s-sottomissjoni tal-appellant illi biex wiehed jesperixxi azzjoni ghad-danni abbazi ta' xogholijiet li jkun ghamel fil-proprjeta' tieghu l-vicin irid l-ewwel nett jipprova li dawk ix-xogholijiet mhumiex legali ghax jekk m'hemmx illegalita ma jistax ikun hemm il-culpa li hija l-bazi kollha tal-azzjoni ghad-danni. Hu aktar minn ovvju illi hawn non si tratta ta' kontestazzjoni dwar il-legalita tax-xoghol ezegwit in kostruzzjoni tat-triq. Hawn si tratta ta' allegata negligenza jew nuqqas iehor fl-ezekuzzjoni ta' dawk ix-xogholijiet li bhala konsegwenza diretta taghhom l-attur sofra danni. Hu allura ghal kollox 'il barra mill-binarji gusti meta l-appellant jissottometti illi "l-attur mhux talli qatt ma zamm ix-xogholijiet in kwistjoni milli jsiru izda talli ghal hmistax-il sena shah ma ha l-ebda passi dwarhom". L-attur ma kellu l-ebda dritt illi jimpedixxi jew ifixkel lill-konvenut milli jesegwixxi xogholijiet ta' opra pubblika fuq proprjeta' pubblika. Kellu biss dritt li jippretendi li dawk ix-xogholijiet isiru sewwa skond l-arti u s-sengha. Kellu dritt biss li jilmenta li bhala konsegwenza ta' xoghol li kien difettuz minhabba negligenza jew nuqqas ta' professjonalita' hu sofra danni. Seta' biss jagixxi ghar-rizarciment ta' dawn id-danni fil-mument u minn meta dawn avveraw ruhhom.

L-azzjoni hi allura dik klassika bazata fuq il-colpa aquiliana meta l-fatt li jkun taha lok ghall-azzjoni jkun indipendenti u awtonomu minn kull rapport kontrattwali. Il-fatt ta' negligenza jew imperizja f'dan il-kaz ma

jistax jinghad li jikkostitwixxi inadempjenza kontrattwali li setghet tkun "non factum" jew, bhal ma hu allegat li kien f'dan il-kaz, "male factum". Dan huwa ghal kuntrarju kaz fejn il-colpa timmanifesta ruhha fuq kollox fid-danni subiti. Dan huwa allura kaz fejn jirrikorri l-karattru delitwuz jew kwazi delitwuz u allura l-azzjoni kienet biss esperibli u ezercitabbli mill-mument meta ssir il-hsara lit-terz. F'dan il-kaz, l-allegata imperizja u negligenza tal-konvenut fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet saru indipendentement u awtonomament minn kull relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet.

Indubjament allura kienet korretta l-ewwel Qorti meta rriteniet li kien applikabbli l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dakinhar din l-azzjoni setghet tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Indubjament l-azzjoni ma setghetx f'dan il-kaz tigi ezercitata qabel ma jkun l-attur issubixxa id-dannu b'konsegwenza diretta tax-xogholijiet difettuzi minnu lamentati.

L-argument imbaghad tal-appellant illi l-fatt li l-Gvern ittanta jirrimedja ghas-sitwazzjoni billi jaghmel xoghol rimedjali ghal dannu potenzjali kellu jkun bizzejjed biex jallarma lill-attur dwar l-inadekwatezza ta' dawn il-mizuri u li allura t-terminu preskrittiv kellu jibda jiddekorri minn dak iz-zmien, jista' biss jigi kwalifikat bil-frazi klassika "sopra corna bastonate". Dan ghaliex l-appellant donnu qed jissuggerixxi illi l-appellat kellu fil-ligi

l-obbligu illi jaghmel ix-xoghol tad-Direttorat tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici billi jillustra l-inadegwatezza tal-operazzjonijiet ezegwiti mill-konvenut u inoltre li jitlob il-modifiki necessarji jekk ma jkunx kuntent bihom. Dana minflok ma jigi censurat min kien fl-obbligu li jezegwixxi x-xoghol skond l-arti u s-sengha b'mod kompetenti u effikaci li jissalvagwardja l-proprjeta' ta' terzi.

M'hemmx ghalfejn jinghad li l-Qorti tpoggi responsabbilita' wara l-bieb ta' min kellu bil-ligi u bl-oneru ta' dan l-ufficju tieghu d-dover li jaghmel xogholu sewwa. Il-fatt imbaghad li ghal diversi snin ma gratx hsara rilevanti lill-proprjeta tal-attur imma grat biss meta x-xita kienet tali illi x-xogholijiet li suppost saru biex jilqghu ghal tali eventwalita' irrizultaw li kienu ghal kollox ineffikaci, ghandu jimilita favur l-appellat u mhux kontra. Dan ghaliex kien proprju f'dik l-eventwalita' li d-dannu gie subit fi grad tali li seta' jigi addebitat ghal konsegwenza ta' xoghol malament ezegwit da parti tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Kien infatti f'dik ic-cirkustanza illi l-appellat, bhala l-parti danneggjata, seta' jsir jaf bil-htija tal-konvenut appellat mhux biss meta ezegwixxa x-xogholijiet fil-kostruzzjoni tat-Triq Dicembru 13 (allura qabel l-inondazzjoni tal-1979) imma wkoll wara li kienu saru x-xogholijiet rimedjali li kienu suggeriti li jsiru wara li saret dik l-inondazzjoni.

Iz-zmien minn meta kellu jitqies li jiddekorri l-perjodu preskrittiv allura ma kienx marbut unikament mad-data meta giet kostruwita t-triq imma

wkoll mal-fatt li kienu gew ezegwiti xogholijiet rimedjali li rrizultaw ghal kollox inadegwati wara x-xita tal-1979. L-aggravju dwar ic-cahda tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed jigi ghal dawn ir-ragunijiet u wkoll ghar-ragunijiet dedotti mill-ewwel Qori michud.

## IL-KONSEGWENZI TAL-PREVEDIBBILITA

L-appellant ghandu aggravju iehor li din il-Qorti ssib li huwa inkomprensibbli, illogiku u jista' jigi spjegat biss b'doza ta' arroganza burokratika u kultant wiehed jilludi ruhu li hi fortunatament sorpassata.

L-aggravju hu fis-sens illi una volta l-maltempata tat-8 ta' Dicembru 1998 kienet prevedibbli allura "l-konkluzjoni logika" (sic) tkun illi l-fond in kwistjoni jew ma kienx wiehed tajjeb ghall-gestjoni ta' l-attivita agrikola gestita fih mill-attur jew kien necessarjament soggett ghall-inkonvenjenzi ta' l-inondazzjoni meta taghmel xita ta' qawwa eccezzjonali." Minn dan l-appellat jkikkonkludi li meta l-attur ghazel li jiggestixxi l-attivita tieghu f'dan il-fond huwa ghazel li joqghod ghall-inkonvenjenzi ta' l-inondazzjoni u kien jaf ghal x'hiex kien diehel. Kien allura skond hu kaz ta' self-inflicted hardship u kellu jbati hu stess ghad-danni li grawlu bhal rizultat tax-xita eccezzjonali. Naturalment kien ghall-appellant kompletament irrelevanti illi l-inondazzjoni ma kienitx issir, skond il-periti teknici, li kieku x-xoghol rimedjali illi d-

Dipartiment stess konstata li kien mehtieg biex jilqa' ghall-eventwalita' ta' xita qawwija sar kif kellu jsir skond l-arti u s-sengha.

Din il-Qorti tqis illi dan l-aggravju ghandu biss jigi accettat sa fejn l-ewwel Qorti iddegretat li kienet taqbel mal-periti li l-attur kien naqas meta ma hax prewkazzjonijiet elementari biex jahzen il-maghlef maqtugh mill-art. Dan hu fil-fehma ta' din il-Qorti wkoll korrett u ser tapplikah meta tikkunsidra l-appell incidentali tal-appellat li jinvesti wkoll aggravju dwar dan l-aspett tal-kawza.

## IL-KONSTATAZZJONIJIET TEKNICI

L-appellant issottometta wkoll l-aggravju pjuttost, pro forma, fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ma tatx konsiderazzjoni adegwata lill-konstatazzjonijiet teknici minnu prezentati. Konstatazzjonijiet immirati biex jippruvaw li l-inondazzjoni li sofra l-attur ma sofrihiex minhabba t-triq imma kien isofriha xorta anke kieku ma kienx hemm it-triq stante li l-allegament in kwistjoni ma sarx fil-fond tal-attur biss izda sar f'dik il-parti tal-Marsa kollha. Apparti l-fatt illi mhux eskluz illi l-Marsa kollha f'dawk l-inhawi kienet giet negattivament affetta mix-xita lamentata proprju minhabba x-xogholijiet malament ezegwiti mill-appellant li ma hadux kont kif suppost tal-konsegwenzi ta' gharghar minhabba nuqqas ta' provvediment adegwatat ghall-iskular tal-ilma u apparti l-fatt illi l-attur ma kellux ikun penalizzat ghaliex kien forsi l-uniku wiehed li ha l-inizjattiva biex jirrivendika l-jeddijiet tieghu f'dan ir-rigward, din il-Qorti,

ma tarax kif tista' ma taghtix konsiderazzjoni lill-fatt illi l-periti teknici stabbilew il-vinkolu konsegwenzjali bejn id-danni subiti mill-attur u l-inadegwatezza professjonali fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet rimedjali kif ukoll ic-cirkostanza pruvata illi qabel ma giet kostruwita t-triq de quo ma jirrizultax illi l-appellat kien soggett ghar-riskju ta' inondazzjoni preokkupanti li kkawzatlu hsara rilevanti  Dan l-aggravju qed jigi allura fil-limiti appena espressi respint.

**<u>SOLIDARJETA' U LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI</u>**

Fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-uniku aspett mis-sentenza appellata li din il-Qorti tifhem li l-appellant jista' b'certu ragun jilmenta minnu, hu dwar il-mod kif l-attur gie kompensat anki ta' telf ta' produzzjoni ta' halib.  F'dan ir-rigward l-appellant jilmenta illi l-provi kienu skarsi u ma hadux in konsiderazzjoni l-fatt illi l-halib tal-baqar ma jinbieghx b'cirkolazzjoni libera izda jinbiegh lil Malta Dairy Products skond kwoti li ghandu kull rahhal.  Dan is-settur kien fil-fatt closed shop u wiehed ma setax jarma farm ghall-produzzjoni tal-halib minghajr ma jixtri kwota minghand xi rahhal iehor bi prezz qawwi.  Ghalhekk skond l-appellant, biex jigi pruvat illi sar telf ta' bejgh ta' halib l-attur kellu jipprova illi fis-sena rilevanti (1989) huwa ma lahaqx il-kwota ta' halib li kien intitolat li jdahhal fil-Malta Dairy Products.  Di piu' huwa maghruf illi mhux il-baqar kollha f'dairy farm ikunu qeghdin jipproducu halib fl-istess hin u illi l-

produzzjoni tal-halib mid-diversi baqar huwa programmat tramite t-tghammir.

Dawn is-sottomissjonijiet tal-appellant jidher li saru l-ewwel darba fir-rikors tal-appell u ma jirrizultaw bl-ebda mod mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti ghalkemm certi fatti huma generalment maghrufa. Filwaqt li hu fatt illi l-appellant ma tantx ghamel sforz biex jipprovdi provi talgibbli ta' dak li kkonferma bil-gurament illi kien it-telf li garrab fir-rigward tal-produzzjoni tal-halib, hu veru wkoll minn naha l-ohra illi l-appellant ma jidhirx illi kkontesta l-prova skarna prodotta mill-appellat. La jirrizulta li ghamel xi kontro-ezami fuq dan l-aspett tal-vertenza u lanqas li huwa ttanti jipproduci provi permezz ta' ufficjali tad-Dipartiment jew tal-kumpanija Malta Dairy Products biex jistabilixxi illi l-pretensjoni guramentata tal-appellat ma kienitx wahda kredibbli u attendibbli.

L-ewwel Qorti kienet allura rinfaccjata b'affermazzjoni guramentata tal-appellat li hu kien sofra danni taht dan il-kap b'indikazzjoni inkompleta ta' kemm setghu kienu precizament dawn id-danni. Affermazzjoni li pero' ma tigi bl-ebda mod kontrastata mill-appellat. L-ewwel Qorti gustament ikkonkludiet illi xi element ta' danni taht dan il-kap l-appellat kien sofra u ghamlet apprezzament "arbitrio bon viri" ammont ta' tlett mitt lira ras inb'ras ghal kull wahda minn hames baqriet li kellu l-appellat. Likwidazzjoni approssamittiva li tidher ragjonevoli u li tiehu

kont ukoll fil-kalkolu tal-ispejjez tal-produzzjoni u tat-trasport li gew mill-ewwel Qorti debitament imnaqqsin.

Din il-Qorti ma tarax raguni ghaliex kelli tiddisturba dan l-apprezzament fattwali tal-ewwel Qorti anke tenut kont tal-opportunita' li kellu l-appellant illi, bil-mezzi li kellu ghad-disposizzjoni tieghu jivverifika dwar il-korrettezza tal-pretensjoni tal-appellant. Hi gusta wkoll il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti illi d-danni reklamati u pruvati mill-appellat li gew provokati mix-xogholijiet difettuzi u inadegwati fil-kostruzzjoni tat-Triq Dicembru 13 u tax-xogholijiet sussegwenti rimedjali, kellhom jigu fl-ewwel lok addebitati kollha mill-konvenut appellant nonostante xi kontribwizzjoni zghira li seta' kellu haddiehor fir-responsabbilita' ghall-ispostament tal-perkors tal-ilmijiet pre-ezistenti ghall-formazzjoni tat-triq. L-invit tal-appellant lill-Qorti biex tinoltra ruhha f'ezercizzju minizjuz u xjentifiku ta' min seta' wkoll ikkontribwixxa ghad-danni ingenti subiti mill-appellat gie gjustament skartat mill-ewwel Qorti u l-istess ser taghmel din il-Qorti. L-appell principali qed jigi ghalhekk michud.

**L-APPELL INCIDENTALI**

Qed jigi wkoll michud l-appell incidentali. Dan hu bazat fuq il-pretenzjoni tal-appellat illi hu kellu d-dritt illi juza l-fond tieghu kif deherlu hu. Hadd ma kellu l-jedd li jiddettalu kif juzah jew kif jiggestixxi

n-negozju jew operazzjoni tieghu sakemm ma jilledix id-drittijiet tieghu. Hu allura jirrinega l-principju dikjarat mill-ewwel Qorti illi kull persuna kellha l-obbligu li tillimita bil-mezzi ragjonevoli possibbli d-danni li tkun esposta ghalihom minhabba l-agir ta' haddiehor.

L-ewwel Qorti, kif ukoll il-periti, gjustament irrilevaw illi b'daqsxejn attenzjoni, l-appellat seta' imminimizza t-telf billi ha prewkazzjonijiet elementari biex il-maghlef jaqtghu minn mal-art. Dan specjalment meta kien sewwa konsapevoli tal-possibbilita' illi f'kaz ta' xita qawwija l-fond tieghu seta' jkun inondat. Gjustament l-ewwel Qorti minhabba din il-kontribuzzjoni da parti tal-appellat ghall-hsarat minnu stess subiti minhabba nuqqas ta' kura fl-amministrazzjoni ta' hwejgu ippenalizzatu billi ddikjarat illi hu kien ikkontribwixxa bl-agir tieghu stess ghat-telf li sofra. L-appell incidentali qed jigi ghalhekk respint.

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej :-

1. Tichad l-appell principali bl-ispejjez kontra l-appellant.

2. Tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-appellat.

3. Tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez tal-ewwel istanza jithallsu skond kif mill-ewwel Qorti deciz. Kellhom jiddekorru l-imghax

fuq l-ammont likwidat f'danni mid-data tal-ewwel sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Dep/Reg

mg